MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Numru. 1168/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**SIMONE FESTARI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Simone Festari, detentur tal-Karta tal-Identita` numru Maltija 290997M.

**Akkuzat talli:**

Fis-17 t'Ottubru, 2013, ghal habta tad-disgha u kwart ta` filghaxija (21:15hrs) u/jew hinijiet wara waqt li kien Wied Blandun, Fgura u/jew

f'dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` ghamel hsara fuq vettura ta` ghamla Opel Corsa numru tar-Registrazzjoni LAA074 ghad-dannu ta` Clayton Farrugia j/jew persuni ohra liema hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,116.47), imma hi izjed minn mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol u jqieghed il-hajja ta` haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Clayton Farrugia minn Hal Tarxien skont ma ccertifika Dr. Glen Micallef, reg. No. 3230 mic-Centru tas-Sahha ta` Rahal Gdid.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi kiser il-buon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` ta` Clayton Farrugia u tapplika l-provvedimenti ta` Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 325 (b), 221 u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Din il-Qorti wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Simone Festari;

Wara x-xhieda ta` Clayton Farrugia l-ewwel u t-tielet imputazzjoni tirrizulta, it-tieni ma tirrizultax stante r-rinunza tal-istess Clayton Farrugia.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u specjalment:

1. Ir-rinunzja tal-istess Clayton Farrugia;
2. Id-dikjarazzjoni tal-istess Clayton Farrugia li huma kienu hbieb, u hu mhux qieghed jitlob ghall-garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
3. U in vista tal-fatt illi l-imputat hallas volontarjament il-hsarat minnu ikkagunati;

din il-Qorti temmen illi piena karcerarja m’hijiex effettiva u m’hijiex lok f’dan il-kaz.
Wara li rat il-fedina penali retta tal-imputat, dina l-Qorti qiedgha tillibera lill-istess imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sentejn (2) mil-llum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------